**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU TMINJA U TLETIN**

**17 ta' ĠUNJU 2013**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda l-laqgħa.

**38.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

38.1.1 Fir-rigward ta' punt 37.1.2 fejn jirrigwardja l-proġett ta' Triq San Martin, il-membru Joseph Caruana qal li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra għandu għandu jistaqsi lill-Perit Lewis:

- Tista' triq li ila mibnija 'l fuq minn 40 sena tingħatha permess biex tinbiegħ parti minnha biex isir bini fuqha?
- L-*alignment* tal-bankina għalfejn ħareġ aktar 'l barra mill-bankina li kienet eżistenti?
- Isir appuntament biex iċ-Chairperson Pierre Farrugia u l-membru Joseph Caruana jmorru l-Mepa jiddiskutu l-permess li ngħata.

Il-perit għandu jiġi mistoqsi ukoll biex jagħtina *aglinment* tal-bankina l-ġdida li qed titlob il-ġara tal-bini li sar ġdid.

38.1.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni li x-xogħol ta' żebgħa li sar f'Bubaqra mill-ħaddiem assenjat lill-Kunsill mill-IPSL sar ħażin.

Kien hemm qbil li nhar il-Ġimgħa jsir appuntament mal-persuna kkonċernata biex jiġi spjegat eżatt fuq il-post x'għandu jsir.

38.1.3 Il-Minuti tas-seduta numru 37 ġew approvati.

***38.2 Komunikazzjoni miċ-Chairperson***

37.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li kellu komunikat ma' persuna intiża f'applikazzjonijiet tal-fondi mill-EU u nfurmatu li f'Settembru ser joħorġu applikazzjonijiet biex isir *twinning exchange* bejn irħula żgħar u postijiet żgħar barra minn Malta. Dawn jinvolvu exchange bejn żgħażagħ u anzjani ma' postijiet oħra fuq kultura tal-pajjiż. Il-persuna li ssuġġeriet dawn l-applikazzjonijiet hi miż-Żurrieq u lesta li timla l-applikazzjoni f'isem il-Kumitat Amministrattiv u tieħu ħsieb l-*exchange* li jsir, bla ħlas, minħabba li l-ħlas tagħha jsir mill-istess fondi tal-EU. Dan il-proġett hu twil sentgħejn.

Kien hemm qbil fuq dan kollu u li f'seduta oħra tiġi mistiedna din il-persuna biex tinforma lill-Kumitat aktar fid-dettal.

37.2.2 Resident li joqgħod fi Triq in-Nigret k/m Triq it-Torri talab li ssir *bollard/'u' bar* fil-kantuniera minħabba li vetturi kbar qed jitilgħu l-bankina u qed ikunu ta' periklu għar-residenti u ħsara fil-faċċata tar-resident.

Kien hemm qbil li t-tabella li hi ordnata '*No entry for Heavy Vehicles'* issir fuq pole biex isservi għal żewġ skopijiet – sinjal tat-traffiku u ostaklu għall-vetturi milli jitilgħu fuq il-bankina.

37.2.3 Kien hemm qbil li l-Kumitat jerġa jfakkar lill-Perit Lewis fuq l-istima li kellu jagħmel ta' wiċċ ġdid għal parti minn Triq it-Torri.

37.2.4 Il-Kumitat Amministrattiv ġie mitlub li jagħmel *double yellow lines* fil-kantuniera ta' Triq Nardu Sacco mas-side roads. Kien hemm qbil fuq dan.

37.2.5 Kien hemm talba biex issir *sleeping policeman* għolja fit-triq li tagħti għall-*head quarters* tal-iscouts, minħabba li *scammels* qed jagħddu b'veloċita' qawwija u jkunu ta' periklu għat-tfal.

Kien hemm qbil li x-xogħol jingħata lill-Spiteri (ĊoqĊoq).

***38.3 Attivita'***

38.3.1 Il-membru Annetto Bugeja qal li l-attivita' kulturali pproponuta li ssir fis-17/18 ta' Lulju ġiet posponuta għal wara l-festa ta' Santa Katarina VM, minħabba li is-sotto kumitat attivitajiet mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM infurmaw li fil-ġranet imsemmija hemm attivita' tal-Għaqda Karmelitana u Banda QV.

***38.4 Triq Gużeppi Mattew Callus***

38.4.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-Perit Lewis għamel żewġ *sketches* ta' kif qed jipproponi li ssir it-*traffic island* li hemm fi Triq G M Callus, biex ma tibqax ostaklu għall-vetturi.

Kien hemm qbil mat-tieni *sketch* li tinqata' parti mit-*traffic island* u issir bankina *aligned* mal-bankina eżistenti tal-istess triq. Kien hemm qbil ukoll li issir *low hump* biex isservi ta' diviżjoni għal parti ta' Triq G M Callus ma' Vjal l-Indipendenza.

38.4.2 Intalbet stima tal-bankina li kien hemm nieqsa fi Triq G M Callus imma l-kuntrattur għamilha xorta mingħajr l-ordni tal-Kunsill jew Kumitat Amministrattiv qabel ma saret l-istima.

***38.5 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

38.5.1 Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn 29ta' Lulju, 2013 fil-5.30 ta' filgħaxija minħabba li ġimgħa qabel ser tkun il-festa tal-Madonna tal-Karmnu.

Is-Seduta ġiet fi tmiema b'dan il-punt fis-7.20 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Lulju, 2013.

| | |
|---|---|
| Pierre Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |